# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum l-14 ta' Lulju, 2020**

Appell numru 152 tal-2014

**Il-Pulizija**
**vs**
**Dustin BUGEJA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-28 ta' Marzu 2014 fil-konfront ta' Dustin BUGEJA, karta tal-identità bin-numru 143392M li ġie mixli talli Talli f'dawn il-Gżejjer, fix-xahar ta' Novembru 2009 u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u

li kisru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda : -

i. Biex jissodisfa ż-żina ta' ħaddieħor ħajjar għall-prostituzzjoni persuni taħt l-eta', ċjoe lil OMISSIS2, OMISSIS3, u OMISSIS1, jew eċċita l-korruzzjoni tagħhom, jew għen jew iffaċilita din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni u dan sar b'qerq, bħala drawwa jew bi ħsieb ta' qliegħ;
ii. Fl-istess żminijiet u ċirkostanzi sabiex jissodisfa ż-żina ta' ħaddieħor qabbad persuni taħt l-eta' fil-prostituzzjoni u ċjoe lil OMISSIS2, OMISSIS3 u OMISSIS1;
iii. Fl-istess żminijiet u ċirkostanzi eċċita, għin jew iffiċilita l-korruzzjoni tal-istess imsemmija minuri ċjoe lil OMISSIS2, OMISSIS3 u OMISSIS1;
iv. Fl-istess żminijiet u ċirkostanzi xjentement għex għal kollox jew in parti mill-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' taħt l-eta u ċjoe l-istess OMISSIS2, OMISSIS3 u OMISSIS1;
v. Fl-istess żminijiet u ċirkostanzi ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt l-eta u ċjoe l-istess OMISSIS2, OMISSIS3 u OMISSIS1;
vi. Fl-istess żminijiet u ċirkostanzi hedded jew insulta bi kliem lill-OMISSIS2, OMISSIS3 u OMISSIS1;
vii. Fl-istess żminijiet u ċirkostanzi saq vettura tal-għamla Mazda ta' kulur iswed mingħajr ma kien kopert b'liċenza tas-sewqan mill-Awtorita kompetenti ta' Malta;
viii. Fl-istess żminijiet u ċirkostanzi saq vettura tal-għamla Mazda ta' kulur iswed mingħajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni għal terzi persuni;

ix. Fl-istess żminijiet u ċirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali, b'egħmil li sar f'post pubbliku jew f'lok espost għall-pubbliku;

x. Fl-istess żminijiet u ċirkostanzi naqas milli jħares xi kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija personali.

xi. Li rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali wara li nstab ħati ta' diversi sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saru definittiviu jistgħu jiġu mibdula.

xii. Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tipprovi għas-sigurta ta' OMISSIS2, OMISSIS3 u OMISSIS1 billi tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali;

xiii. Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex minbarra li tinfliġġi l-piena tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jekk ikun il-każ ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-imputat Dustin BUGEJA:-

(a) mhux ħati tat-tielet, sitt, sebat u d-disat imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u minnhom lliberatu minn kull ħtija u piena; filwaqt li

(b) sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha jiġifieri l-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-ħames u t-tminn imputazzjonijiet u kkundannatu għal sitt snin priġunerija u skwalifikatu milli jkollu liċenza tas-sewqan għal żmien tnax il-xahar; inoltre

ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' ħamest elef euro li kien tħallas bħala depożitu skont id-digriet għall-ħelsien mill-arrest tal-4 t'Ottubru 2012. Inoltre ħarġet ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali għal perjodu ta' tliet snin favour OMISSIS3, OMISSIS1 u OMISSIS2 filwaqt li ordnat ukoll id-divjet tal-pubblikazzjoni t'isimhom fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni. Il-Qorti tal-Maġistrati ordnat ukoll lir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali sabiex ai termini tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta l-appellant jitniżżel fir-Reġistru imsemmi fl-istess Att u għal dan il-għan ordnat li kopja ta din is-sentenza tiġi mgħoddija lir-Reġistratur.

3. Illi minn din is-sentenza Dustin BUGEJA interpona appell li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitux ħati tat-tielet, sitt, sebat u disat imputazzjonijiet filwaqt li tħassarha fejn sabitu ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet u fejn ikkundannatu għall-piena imsemmija jew alternattivament li timponi piena aktar xierqa u inqas ħarxa u dan stante li :

   (a) l-Qorti tal-Maġistrati ma għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif kienu jirriżultaw mill-provi prodotti u dan peress li rriżulta pruvat li l-appellant ma kienx dak li kien jipprostitwihom; ma kienx hemm provi li juru li dawn it-tfajliet kienu prostituti; li mill-fedina penali tal-istess tfajliet jirriżulta li dawn kienu fil-kamp tal-prostituzzjoni meta l-appellant kien barra mix-xena kompletament kif ukoll kien hemm dubju raġonevoli dwar

kemm verament l-appellant għex minn fuq il-prostituzzjoni ta' dawn it-tfajliet. Inoltre jtenni li l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest kienu dovuti għal raġunijiet mediċi marbuta m'ibnu. Apparti dan saħaq li l-piena imposta kienet ħarxa wisq.

4. Illi din il-Qorti rat l-atti kollha proċesswali, kif ukoll semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi din hija sentenza in segwitu għal preġudizzjali tan-nullita tal-proċeduri sollevata mid-Difiża matul is-seduta tat-12 ta' Novembru 2019. Id-Difiża argumentat li fil-verbal a fol 48, jiġifieri matul is-seduta tad-29 ta' Jannar 2010 l-Ispettur tal-Pulizija Graziella Muscat kienet talbet korrezzjoni fl-imputazzjonijiet oriġinali billi l-isem tal-imputat jiġi jaqra "DUSTIN" stante li fiċ-ċitazzjoni oriġinali erronjament ġie indikat bħala "DUSTAN", kif ukoll talbet iż-żieda tal-għaxar imputazzjoni fis-sens li l-istess żminijiet u ċirkostanzi naqas milli jħares xi kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija personali. Minkejja li din il-korrezzjoni saret billi l-Uffiċjal Prosekutur qrat u ħalfet l-imputazzjonijiet kif korretti u sar l-eżami tal-imputat, ma rriżultax li l-Qorti tal-Maġistrati għaddiet biex tiddikjara li l-imputat kien qiegħed jitqiegħed taħt att t'akkuża. Id-Difiża saħqet li dan kien vizzju ravviżat fl-artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali u li b'hekk kien jirrendi l-akkuża nulla, bil-konsegwenza li s-sentenza appellata kienet nulla.

6. Din il-Qorti qieset li dan kien punt proċedurali li skont il-ġurisprudenza setgħa anke jiġi sollevat mill-Qorti *ex officio*.

7. Qieset ukoll li l-istadju fejn il-Qorti laqgħet din it-talba għal korrezzjoni fl-isem tal-imputat kien wara li l-Qorti tal-Maġistrati kienet diġa ddikjarat li kien hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att t'akkuża. It-talba għall-korrezzjoni fl-isem tal-imputat appellant kienet waħda meħtieġa sabiex jiġi evitat li l-eventwali sentenza tiġi meqjusa ineżegwibbli kontra tal-imputat jekk jiġi misjub ħati. Iżda din il-bidla bl-ebda mod ma tvarja n-natura tal-imputazzjonijiet li kienu diġa ġew kontestati lill-imputat appellant u li dwarhom dik il-Qorti kienet diġa esprimiet ruħha li kien hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att t'akkuża. Bil-korrezzjoni tal-isem tal-imputat ma jistax jingħad li l-kompilazzjoni b'xi mod tibda' mill-ġdid jew li hija kompilazzjoni ġdida.

8. Imbagħad iż-żieda magħmula fl-għaxar imputazzjoni kienet tirreferi għar-reat previst mill-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali. Dan ir-reat, anke fiż-żmien meta seħħew l-allegati reati kien jaqa' fil-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati. Il-prosekuzzjoni ta' dan ir-reat ma kienetx teħtieġ xi kompilazzjoni ġdida u separata minn dik korrenti. L-anqas ma tali żieda kienet teħtieġ li l-kompilazzjoni terġa tibda mill-ġdid.

9. Dwar din il-preġudizzjali, dil-Qorti tirreferi għall-appell kriminali ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Noel Żarb*** deċiż nhar it-23 ta' Jannar 2014 fejn intqal is-segwenti : -

> 27. Issa, mill-atti tal-kumpilazzjoni jirriżulta illi fir-rinviju tas- 16 ta' April 2008, l-Avukat Ġenerali talab, inter alia, li "in segwitu għall-aħħar deposizzjoni ta' Melvin Gatt datata 12 ta' Frar 2008 u għall-verbal ta' nhar-is 17 ta' Marzu 2008, l-uffiċjal prosekutur jagħmel iż-żieda meħtieġa fl-akkużi kontra l-imputat f'dan il-każ." Fis-seduta tat-22 ta' April 2008 inqrat l-akkuża addizzjonali (u mhux l-akkużi kollha) u sar l-eżami bla ġurament ta' l-appellant (allura imputat). Il-Qorti Istruttorja mbagħad rinvijat l-atti lill-Avukat Ġenerali. L-appellant jippretendi li f'dak l-istadju l-Qorti Istruttorja kellha terga' taghti d-digriet tal-prima facie, cioe` d-digriet jekk kienx hemm raġunijiet bizżejjed biex l- imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Il-Qorti Kriminali tat raġun lill-appellant. Din il-Qorti ma taqbilx.
>
> 28. Fil-kaz in ezami s-soluzzjoni tal-vertenza tinsab fl- artikolu 435 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu jipprovdi:
>
> "(1) L-Avukat Ġenerali jista' jiġbor u jġib provi oħra ma' dawk li jkunu nġiebu fil-kompilazzjoni:
>
> Iżda ma jista' jdaħħal fl-att tal-akkuża ebda reat li l- akkuża tiegħu ma tkunx tista' toħroġ mill- kompilazzjoni li tkun saret.
>
> "(2) Kemm-il darba minn dawn il-provi ġodda miġbura minnu kif jingħad hawn fuq, l-Avukat Ġenerali jsir jaf b'reat ieħor li ma jkunx hekk imdaħħal fil- kompilazzjoni, hu għandu jibgħat lura l-atti kollha lill- Qorti tal-Maġistrati, u din il-qorti għandha tissokta l- kompilazzjoni u tipproċedi fuq dan ir-reat l-ieħor. F'dawn il-każijiet iż-żmien biex tingħalaq il-kompilazzjoni, biex jintbagħtu l-atti u biex jiġi ippreżentat l-att tal-akkuża jerġa' jibda mill-ġdid, u l- ewwel żmien jibda jgħodd minn dak in-nhar li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati.
>
> "(3) Jekk ir-reat l-ieħor li, kif jingħad hawn fuq, ma jkunx imdaħħal fil-kompilazzjoni, ikun reat separat u iddivrenzjat għal kollox mir-reat jew mir-reati mdaħħlin fil-kompilazzjoni, għandha tinbeda, fuq talba tal-Avukat Ġenerali, kompilazzjoni ġdida u separata rigward dan ir-reat l-ieħor.
>
> "(4) Kull talba li jagħmel l-Avukat Ġenerali taħt dan l-artikolu għandha ssir bil-miktub."
>
> 29. Fil-fehma ta' din il-Qorti s-sinjifikat ta' dan l-artikolu huwa sempliċi. Fejn jirriżulta lill-Avukat Ġenerali xi reat ieħor li ma jkunx ġie akkużat bih

l-imputat, l-Avukat Generali jitlob lill-Qorti Istruttorja biex tipproċedi fuq dak ir- reat l-ieħor billi, jekk ikun reat "separat u ddivrenzjat għal kollox mir-reat jew mir-reati mdaħħlin fil-kompilazzjoni" il-Qorti Istruttorja tibda kompilazzjoni ġdida fuq ir-reat l- ieħor, iżda fejn ir-reat l-ieħor ma jkunx hekk "separat u ddivrenzjat", il-Qorti Istruttorja "tissokta" bil-kompilazzjoni (fit-test Ingliż: "shall continue the inquiry"). Allura f'dawk il- każijiet fejn il-kompilazzjoni għandha "tissokta" bil-kompilazzjoni, ġaladarba jkun diga` ngħata d-digriet tal-prima facie, mhemmx il-ħtieġa li jerġa' jingħata tali digriet b'referenza għar-reat miżjud.

30. Irid jingħad illi meta jingħata d-digriet li permezz tiegħu l-Qorti Istruttorja tiddeċiedi jekk hemmx raġunijiet biżżejjed biex imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, il-Qorti Istruttorja ma toqgħodx tispigola dwar liema reat/i tkun qed tagħti tali digriet. Fil-fatt, fost ir-reati li bihom persuna tiġi akkużata jista' jkun hemm anke reat jew aktar ta' natura kontravvenzjonali.

31. Issa, fir-reat ta' stupru hemm kompriż u involut ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Għalhekk fil-każ in eżami ma kellhiex tinbeda kompilazzjoni ġdida a tenur tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 435 iżda kellha tissokta l-istess kompilazzjoni a tenur tas-subartikolu (2). Ir-referenza li hemm fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 435 li jerġa' jibda mill-ġdid iż-żmien biex tingħalaq il-kompilazzjoni, biex jintbagħtu l-atti u biex jiġi ppreżentat l-att tal-akkuża hi dik li hi, referenza għat-termini li tipprovdi l-liġi. Ma jingħadx (bħalma hemm fl-artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali) li meta tingħalaq il-kompilazzjoni f'dan l-istadju, il-qorti trid tiddeċiedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża b'referenza għar-reat il-ġdid. Din il-fehma hi msaħħa b'dak li jipprovdi l-artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali:

"L-att tal-akkuża ma jistax jiġi attakkat minħabba difetti fl-atti tal-kompilazzjoni, u l-akkużat lanqas ma jista' jitlob li, minħabba xi wieħed minn dawk id-difetti, il-kawża ma tgħaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' akkuża, ħlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas għal kollox tar-rapport tal-uffiċjal tal-Pulizija jew tal-eżami tal-imputat jew tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, inkella fir-rifjut tal-qorti istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat; bla ħsara dejjem tal-jedd tal-akkużat u tal-Avukat Generali li jopponi li jinġieb fil-kawża xi att li ma jkunx magħmul skont il-liġi, u li jkun irid jinġieb sabiex bih issir xi prova" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ma jistax jinghad illi fil-każ odjern hemm "in-nuqqas ghal kollox ... tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, peress illi din id-deċiżjoni kienet diga` ttieħdet fis-seduta ta' l-24 ta' Lulju 2006.

32. Għalhekk, għaladarba l-kompilazzjoni kellha biss "tissokta", ma kienx hemm il-ħtieġa lanqas illi jerġgħu jinstemgħu x-xhieda li kienu diġa` nstemgħu salv, naturalment, xhieda dwar ir-reat mizjud u xhieda oħra dwar ir-reati oriġinali li forsi kienu għadhom ma xehdux. Konsegwentement ma trid tiġi sfilzata l-ebda xhieda.

10. Fil-każ preżenti l-Avukat Ġenerali għamel it-talba għall-korrezzjoni tal-isem tal-imputat fin-nota tar-rinviju. Mill-banda l-oħra ż-żieda tal-imputazzjoni numru għaxra kienet magħmula fuq talba tal-Uffiċjal Prosekutur u ma kienetx mitluba espressament fin-nota tar-rinviju.

11. It-talba għall-korrezzjoni tal-isem tal-imputat appellat saret mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju li tinsab a fol 43. Kif jirriżulta minn din in-nota it-talba tal-Avukat Ġenerali saret taħt l-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu jaqra hekk : -

405.(1) Il-qorti, wara li tibgħat l-atti biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża u qabel ma jiġi ippreżentat l-att tal-akkuża, b'talba bil-miktub tal-Avukat Ġenerali, għandha tagħmel
mistoqsijiet oħra lix-xhieda li jkunu ġa nsemgħu jew tisma' xhieda ġodda.
(2) L-Avukat Ġenerali għandu, għal dan l-iskop, jibgħat lill-qorti l-atti tal-kompilazzjoni flimkien mat-talba tiegħu bil-miktub, u fiha għandu jfisser fuqhiex għandu jsir l-eżami jew l-eżami mill-ġdid tax-xhieda.
(3) L-eżami jew l-eżami mill-ġdid tax-xhieda għandu jsir quddiem l-imputat, sabiex hu jkun jista' jagħmel il-kontro-eżami, u, għal dan il-ħsieb, il-qorti tordna li l-akkużat, jekk ikun arrestat, jinġieb quddiem il-qorti, u jekk ma jkunx arrestat, illi jiġi mħarrek biex jidher quddiemha.
(4) Jekk l-imputat imħarrek ma jidhirx, ix-xhud jinsama', u x-xiehda tiegħu titqies bħallikieku ġiet mismugħa quddiem l-imputat stess.
(5) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu jgħoddu wkoll meta l-imputat ikun irid jisma' jew jerga' jisma' xi xhieda. F'dan il-każ, it-talba għandha tiġi ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali illi, mhux aktar tard mill-jum ta' wara, għandu jibgħat lill-qorti l-atti tal-kompilazzjoni. Imbagħad il-qorti għandha tordna li l-Kummissarju tal-Pulizija jiġi innotifikat bil-ġurnata li fiha għandhom jinsemgħu x-xhieda,

sabiex hu jew uffiċjal ieħor tal-Pulizija jkun jista', jekk irid, jidher u jagħmel kontro-eżami lix-xhieda.
(6) Ix-xiehda tax-xhieda meħudin taħt dan l-artikolu għandhom, bla ebda dewmien, jinbagħtu lura lill-Avukat Ġenerali.
(7) Meta t-talba għas-smigħ tax-xhieda ssir mill-imputat, iż-żmien li fih għandu jiġi ippreżentat l-att tal-akkuża jibda jgħodd mill-jum li fih l-atti tal-kompilazzjoni, flimkien max-xiehda tax-xhieda hekk mismugħa, ikunu ntbagħtu lura lill-Avukat Ġenerali.
(8) Il-qorti għandha tmexxi sabiex tieħu kull azzjoni jew miżura oħra li għandha x'taqsam mal-kumpilazzjoni kif l-Avukat Ġenerali jista' jitlob bil-miktub.

12. Din il-Qorti tifhem għalhekk li t-talba għal din il-korrezzjoni fl-isem tal-imputat appellant saret mill-Avukat Ġenerali taħt id-disposizzjoni ġenerali tal-artikolu 405(8) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu hija parti minn *kull azzjoni jew miżura oħra li għandha x'taqsam mal-kumpilazzjoni kif l-Avukat Ġenerali jista' jitlob bil-miktub*. Din l-azzjoni jew miżura ma kienetx intiża biex il-kompilazzjoni terġa tibda mill-ġdid.

13. L-Avukat Ġenerali għandu wkoll is-setgħa li jordna, f'ċerti ċirkostanzi li kompilazzjoni terġa tibda' mill-ġdid taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 432(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, li jgħid :

(2) Meta l-atti tal-kompilazzjoni jkunu difettużi billi ma jkunux tħarsu xi dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra dwar dawn l-atti, l-Avukat Ġenerali jista' jibgħat l-atti lura lill-qorti li minn għandha jkun irċevihom, flimkien ma' talba bil-miktub biex il-qorti terġa' tibda mill-ġdid il-kompilazzjoni jew biex l-atti jiġu ikkorreġuti, skont iċ-ċirkostanzi, billi jsemmi d-difett u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' dik il-liġi oħra li jkunu jgħoddu għall-każ.

(3) Il-qorti għandha, fi żmien ta' ħamest ijiem tax-xogħol illi jibdew igħoddu minn dak in-nhar li l-atti jintbagħtu lura lilha bħal ma jingħad hawn fuq, (liema żmien fuq talba bil-miktub tal-qorti u għal raġuni tajba, il-President ta' Malta jista' jġedded għal ħamest ijiem oħra tax-xogħol),

tagħlaq il-kompilazzjoni ġdida jew tikkorreġi l-atti, u tibgħathom lill-Avukat Ġenerali; u f'dan il-każ, iż-żmien għall-preżentata tal-att tal-akkuża jibda miexi minn dak in-nhar li l-Avukat Ġenerali jirċievi l-atti il-ġodda jew l-atti kif ikunu ġew ikkorreġuti.

14. F'dan il-każ, fin-nota tar-rinviju tiegħu l-Avukat Ġenerali ma talabx lill-Qorti tal-Maġistrati biex tipproċedi skont l-artikolu 432 tal-Kodiċi Kriminali iżda taħt l-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti tal-Maġistrati imbagħad, wetqet dak li ġie mitlub mill-Avukat Ġenerali taħt l-artikolu 405(8) tal-Kodiċi Kriminali u għaddiet biex tordna l-korrezzjoni tal-isem tal-imputat u wara bagħtet l-atti lura lill-Avukat Ġenerali.

15. L-istadju li fih l-Avukat Ġenerali għamel dik it-talba kien wara li l-Qorti tal-Maġistrati kienet għalqet il-kompilazzjoni u ħadet id-deċiżjoni li, fuq l-evidenza li kellha, sabet li kien hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att t'akkuża. F'dak l-istadju previst mill-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali l-Liġi ma teħtieġx lil dik il-Qorti li terġa tipproċedi fuq din il-korrezzjoni skont it-termini tal-artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali. U dan għar-raġuni li l-kompilazzjoni kienet diġa saret u ingħalqet bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati taħt l-artikolu 401(1) tal-Kodiċi Kriminali u t-talba tal-Avukat Ġenerali saret ai termini tal-artikolu 405(8) tal-Kodiċi Kriminali, mingħajr ma l-istess ħass il-ħtieġa li jinvoka d-disposizzjonijiet tal-artikolu 432 tal-Kodiċi Kriminali li grazzi għalihom setgħet ġiet ordnata kompilazzjoni ġdida.

16. Din il-korrezzjoni intalbet u saret wara li l-Qorti tal-Maġistrati kienet iddeċidiet li kien hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat

jitqiegħed taħt att t'akkuża. B'hekk saret fi stadju fejn, kif intwera aktar il-fuq, il-kompilazzjoni tal-provi bdiet tiġi stradata mill-Avukat Ġenerali. Kif intqal fis-sentenza ***Joseph Brincat nomine vs Avukat Ġenerali*** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Novembru 2004 wara li l-Qorti tal-Maġistrati tkun għalqet il-kompilazzjoni u ddeċidiet li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att t'akkuża, l-Avukat Ġenerali jibda' jmexxi u sa ċertu punt jikkontrolla l-andament tal-kompilazzjoni. Għalhekk minn dak l-istadju l-quddiem, fil-kors ordinarju tal-proċeduri istruttorji, *ceteris paribus*, il-Qorti tal-Maġistrati ma jkollhiex għalfejn tiddeċiedi għal darb'oħra jekk kienx hemm raġunijiet biżżejjed biex imputat jitqiegħed taħt att t'akkuża.

17. L-Avukat Ġenerali għandu s-setgħa wkoll li fl-att tal-akkuża huwa jdaħħal reati oħra li jkunu rriżultaw mill-kompilazzjoni, għalkemm mhux neċessarjament oriġinarjament imputati fiċ-ċitazzjoni. Biss l-Avukat Ġenerali ma jistax idaħħal fl-att tal-akkuża reat li l-akkuża tiegħu ma tkunx tista' toħroġ mill-kompilazzjoni li tkun saret. U f'dan is-sens jista' jiġbor u jġib provi oħra ma dawk li jkunu nġiebu fil-kompilazzjoni.

18. Jekk imbagħad minn dawn il-provi ġodda miġbura minnu l-Avukat Ġenerali jsir jaf b'reat ieħor li ma kienx imdaħħal fil-kompilazzjoni, l-Avukat Ġenerali għandu jibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati biex din tissokta u tipproċedi fuq dan ir-reat l-ieħor. Biss jekk dan ir-reat il-ġdid ikun reat separat u differenti (*iddivrenzjat*) għal kollox mir-reat li kien imdaħħal fil-kompilazzjoni, l-Avukat Ġenerali

għandu jitlob lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex tibda kumpilazzjoni ġdida u separata fuq dan ir-reat differenti. F'dak il-każ il-Qorti tal-Maġistrati, bħala Qorti Istruttorja, tkun trid tipproċedi fuq dak ir-reat differenti bħala suġġett għal kompilazzjoni separata u ġdida.

19. F'dan il-każ taħt eżami, t-talba għaż-żieda tal-imputazzjoni numru għaxra kienet magħmula mill-Uffiċjal Prosekutur matul is-seduta tad-29 ta' Jannar 2010. Ma jirriżultax li din iż-żieda kienet ġiet espressament miltuba mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju tiegħu a fol 43, datata 11 ta' Jannar 2010. Biss jirriżulta li din it-talba ġiet milqugħa mill-Qorti tal-Maġistrati, fil-preżenza tal-imputat, debitament assistit. Dan ir-reat imbagħad ġie wkoll rifless fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju preżentat mill-Avukat Ġenerali. F'dan il-każ din l-imputazzjoni miżjuda kienet tirrigwarda reat li kien jaqa' fil-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati; b'hekk ma setgħax ikun *per se* suġġett għal proċeduri istruttorji separati u ma setgħetx issir kompilazzjoni ġdida. Konsegwentement wisq anqas għalhekk setgħa, dan ir-reat waħdu, jkun is-suġġett ta' digriet ai termini tal-artikolu 401 tal-Kodiċi Kriminali.

20. Kif inhi l-Liġi, f'dak l-istadju partikolari tal-proċeduri, kien ikun aktar proċeduralment korrett li tali żieda tiġi mitluba mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju tiegħu aktar milli tiġi mitluba mill-Uffiċjal Prosekutur, rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija li f'dik l-istanza jkun qiegħed iwettaq fiżikament l-ordnijiet tal-Avukat Ġenerali. Fi kwalunkwe każ pero, ma jirriżultax li l-imputat sofra xi preġudizzju irrimedjabbli fil-possibilita li huwa jkun jista'

jiddefendi d-drittijiet tiegħu relattivament għal din iż-żieda ta' din l-imputazzjoni. Meta din iż-żieda ġiet mitluba mill-Uffiċjal Prosekutur matul is-seduta tad-29 ta' Jannar 2010 l-imputat appellant kien debitament assistit mill-Prokuratur Legali tiegħu ta' dak iż-żmien. F'dik l-istanza ma qajjem ebda lanjanza jew protest rigward għal din iż-żieda ta' dik l-imputazzjoni. Anzi huwa kien soġġett għall-eżami mill-ġdid u ddikjara li ma kienx ħati. Minbarra dan huwa ddikjara wkoll li kien qiegħed jeżenta lill-Prosekuzzjoni milli terġa ttella' x-xiehda kollha li kienu prodotti u aċċetta tali xiehda bħala li kienu instemgħu dakinhar stess. Kellu kull opportunita li jikkontesta din l-imputazzjoni ferm qabel ma ġiet riflessa fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju a fol 269 u dan anke kieku ried, bil-mezzi msemmija fl-artikolu 405(5) tal-Kodiċi Kriminali.

21. Din il-preġudizzjali tan-nullita tas-sentenza għalhekk qegħda tiġi miċħuda u tordna t-trattazzjoni ta' dan l-appell fil-meritu tiegħu.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***